**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 941/2021 LC

**Etienne Victor Depasquale (K.I. 416168M)**
**Victoria Stephanie Mifsud (K.I. 491173M)**
**Marie Therese Depasquale (K.I. 1031344M)**
**David Depasquale (K.I. 20277G)**
**Emily Amatulli Depasquale (K.I. 10280G)**
**Jonathan Psaila Depasquale (K.I. 378775M)**
**Andrea Depasquale Schranz (K.I. 129273M)**
**Cristina Bilocca (K.I. 24877M)**

**vs**

**GENOVEFFA MAGRI (K.I. 0644367M)**

Illum, 8 ta' Marzu 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Etienne Victor Depasquale et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jordna li jsir debitu tat-test tal-mezzi tal-intimat u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skond ir-risultanzi tat-test tal-mezzi u ċioe, illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond suriferit fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skond il-liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimat iħallas il-kumpens hekk likwidat; JEW

3. Jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kondizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 14, Triq il-Mejjilla, Qormi, b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimat hekk kif dikjarat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-20 ta' Jannar 2022 sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu japprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħdedhom huwa s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilina tissodisfa it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skond il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimata Genoveffa Magri tal-1 ta' Frar 2022, fejn sommarjament, jeċċepixxu li:

Illi t-talbiet attriċi qed jiġu opposti *in toto* u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li l-istanza attriċi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet u l-eċċezzjonijiet segwenti li qed jingħataw mingħajr preġudizzju għall-xulxin:

1. Illi in linea preliminari, l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom u kif wkoll li huma l-unika sidien tal-fond in kwistjoni;

2. Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna kif intavolata hija nulla u inapplikabbli għall-każ *de quo*, stante li l-kirja valida li preżentament tgawdi minnha l-eċepjenti inkwilina, temerġi u toriġina minn kuntratt t'enfitewsi temporanja datat 28 ta' Marzu 1989 magħmula fl-atti tan-Nutar Gerald Spiteri Maempel (DOK A), u għalhekk japplika Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ad esklużjoni tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq liema liġi din l-azzjoni odjerna hija msejsa;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, iżda fi kwalunkwe każ, l-intimata eċċepjenti, Genoveffa Magri, filwaqt li tgawdi minn titolu validu ta' lokazzjoni fuq il-fond bin-numru 14, Triq il-Mejjilla, Qormi, hija dejjem imxiet u wettqet denjament l-obbligi tagħha skond il-liġijiet viġenti bħala inkwilina, fosthom billi dejjem ħalset l-kera kollha dovuta u fil-ħin;

4. Illi l-intimata eċċepjenti Genoveffa Magri hija penzjonata, fl-età ta' 85 sena, u għalhekk l-unika introjtu li l-eċċepjenti għandha hija l-pensjoni li tirċievi, liema introjtu żgur li ma jaqbiżx il-massimu tal-liġi ai termini ta' Artikolu 5 tal-liġi sussidjarja 16.11, u inoltre, l-eċċepjenti ma żżomm ebda propjetà jew kapital ieħor, għajr xi ftit flejjes li għandha l-bank,

liema kapital żgur ma jaqbiżx il-massimu tal-liġi ai termini ta' Artikolu 6 tal-liġi sussidjarja 16.11, u dan kif ser jiġi pprovat aħjar fil-mori tal-kawża;

5. Illi jsegwi li, fi kwalunkwe każ, l-eċċepjenti tissodisfa il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi kif stabbilit fil-leġislazzjoni applikabbli, u għalhekk filwaqt li jistħoqqilha il-protezzjoni kollha li toffri l-liġi fir-rigward tar-rilokazzjoni a favur tagħha tal-fond in kwistjoni, ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi sabiex tiġi ordnata tiżgombra mill-fond in kwistjoni;

6. Illi fi kwalunkwe każ, għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-benefiċċji, l-manutensjoni u l-ammiljormanenti li l-eċċepjenti inkwilin wettqet kontinwament tul iż-żmien fl-istess fond in kwistjoni frott l-aspettativa legali li ħolqot fiha l-liġi stess, u li kieku mhux għax l-eċċepjenti stess diġà ivestit sostanzjalment minn ġidha u sa fejn tista' fl-istess ammiljormanenti u manutensjoni tal-fond, kieku dan il-fond ma għandux l-valur li jista' jġib fis-suq ħieles tal-lum;

7. Illi t-tielet talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante infondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġuni li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni, l-età avvanzata tal-eċċepjenti, l-introjtu ferm żgħir li għandha, ossia l-pensjoni, il-kapital żgħir u minimu li l-eċċepjenti tippossjedi, liema dħul u kapital huma ferm inqas minn dak maħsub fil-liġi, u iżjed minn hekk, meta jittieħdu in konsiderazzjoni l-benefiċċji, l-manutensjoni u l-ammiljormanenti li l-eċċepjenti inkwilin wettqet kontinwament tul iż-żmien fl-istess fond, filwaqt li l-eċċepjenti għandha tibqa tħallas il-kera li preżentament tħallas mingħajr ebda awment, stante ġusta għall-każ *de quo agitur*, hija ma għandiex tiġi

mġiegħlha tħallas rata ta' kera għolja talli kienet hija li żammet dan il-fond fi stat tajjeb u tagħtu l-valur li għandu preżentament;

8. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, f'każ li dan il-Bord jistabbilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV 2021, dan il-Bord għandu jordna li kwalunkwe żieda fil-kera m'għandiex tkun ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) iżda għandha tqarreb aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjuda gradwalment – hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord li jordna;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qegħdin jopponu għal kull talba ta' ħlas ta' spejjeż fir-rigward ta' din il-kawża, għar-raġunijiet diġà suesposti, u dan iżjed u iżjed għaliex l-ebda interpellazzjoni ma qatt saret f'dan is-sens lill-istess esponenti, u wisq anqas l-ebda tentattivi bonarji f'dan is-sens.

   B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-Liġi, jekk ikun il-każ;

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-4 ta' Jannar 2022 fejn l-intimata wettqet it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, il-Perit Hector Zammit u Roderick Spiteri, senjatament ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi dan il-fond kien oriġinarjament jappartjeni lid-dante causa tar-rikorrenti Maria Dolores Depaqsquale. Illi skont it-testment redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius fit-18 ta' Ottubru 1952, hija ħalliet din il-propjetà lill-werrieta tagħha. Din il-propjetà baqgħet tintiret sabiex ir-rikorrenti kollha għandhom sehem indiviż minnha. Filfatt, ir-rikorrenti Etienne Victor Depasquale u Victoria Stephanie Mifsud Depasquale, saru sidien permezz ta' Att ta' Donazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel fid-19 ta' Lulju 2021. Ir-rikorrenti Marie Therese Depasquale saret sid permezz tal-Att ta' Dikkjarazzjoni causa mortis aġġuntiva ppublikata min-Nutar Dottor Patrick Critien fit-22 ta' Awwissu 2017. Ir-rikorrenti David John Depasquale u Emily Amatulli Depasuqale saru sidien permezz ta' Att ta' Donazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi fit-18 ta' Mejju 2021. Ir-rikorrenti Jonathan Psaila Depasquale sar sid permezz tal-Att ta' Donazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina fit-22 ta' Marzu 2021 filwaqt li r-rikorrenti Andrea Depasquale Schranz, Cristina Bilocca, saru sidien permezz ta' Att

ta' Donazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Peter Fleri Soler fis-07 ta' Ottubru 2021.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi permezz tal-kuntratt ippublikat min-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel fit-28 ta' Marzu 1989, Mary Rose Depasquale, għan-nom tagħha u ta' l-eredi l-oħra, ikkonċediet il-fond de quo lill-intimata Genoveffa Magri b'titolu ta' Emfitewsi temporanja għall-perjodu ta' sbatax-il sena dekoribbli mit-28 ta' Marzu 1989 bil-kondizzjonijiet hemm elenkati.

Illi fir-rikors promotur tagħhom, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-intimata għadha qed tokkupa l-imsemmi fond u ppreżentaw ukoll irċevuta ta' kera fl-ammont ta' €105.10 għall-perjodu mit-28 ta' Marzu 2021 sas-27 ta' Settembru 2021.

Illi fid-dawl tal-provi hawn miġjuba il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata Genoveffa Magri hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Genoveffa Magri ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan**

**ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Genoveffa Magri ma jeċċedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 12B(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12B(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'maisonette terran, b'sular wieħed, bl-arja u kamra tal-ħasil. Il-propjetà għandha servitujiet kontra u favur tagħha fil-forma ta' twieqi. Il-finituri huma miżmumin fi stati relattivament tajjeb u jikkonsistu f'madum taċ-ċeramika u f'partijiet oħra madum tat-terrazzo kif ukoll siment fil-kamra ta' wara. Is-servizzi bħall-elettriku ilma u drenaġġ huma preżenti u funzjonabbli il-kondjuwits huma esposti fuq is-superfiċi tal-ħitan.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom u jikkunsidraw il-fatturi relatati mal-fond li jinkludu (i) il-lokalità fejn tinstab il-proprjetà; (ii) konsiderazzjoni ta' property comparables; (iii) kundizzjoni tal-fond u l-ispejjeż konnessi max-xogħolijiet relatati biex isir ameljorament tal-fond, huma tal-fehma li

l-valur tal-fond li kieku mibjugħ volontarjament minn sidu fl-istat li jinsab fih u fis-suq miftuħ illum hu ta' mija u sittin elf Ewro (€160,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimata u tal-età tagħha, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tlett elef u mitejn ewro (€3,200) fis-sena.

Ikkonsidra;

---

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-intimata hija fis-sens li l-azzjoni odjerna kellha ssir taħt il-kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta u mhux taħt il-Kap. 69 kif effettivament seħħ.

Illi din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata b’digriet ta’ dan il-Bord ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta‘ Malta datat it-18 ta’ Frar 2022.

Illi b’hekk din l-eċċezzjoni hija llum sorvolata.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt il-proċeduri.

2. Jiċħad it-tieni talba stante li l-intimata tissodisfa l-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

3. Jilqa’ t-tielet talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond bin-numru 14 Triq il-Mejjilla, Qormi għandha tiġi riveduta għall-ammont ta’ 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta’ Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Genoveffa Magri għal-ammont ta’ tlett elef u mitejn ewro (€3,200) fis-sena u jordna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti *in solidum*, il-kera hekk awmentata b’effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta’ erba’ skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta’ kull Jannar, April, Lulju u Ottubru ta’ kull sena.

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**